# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Jannar, 2023.**

**Numru 8**

**Rikors numru 772/18/1 JVC**

**Francis Busuttil**

**v.**

**Mary mart Anthony Azzopardi u b'digriet tas-16 ta' Jannar 2023 l-atti ġew trasfużi f'isem Dorianne Azzopardi stante l-mewt ta' Mary Azzopardi fil-mori tal-proċeduri; Michael Busuttil, Alfreda mart Joseph Mary Aquilina u John Busuttil**

1. Il-partijiet huma aħwa u wlied il-mejtin Salvatore u Lorenza Busuttil. Lorenza Busuttil ġiet nieqsa fl-1 ta' Jannar 2008 u s-suċċessjoni tagħha hija rregolata minn testment *unica carta* fl-atti tan-Nutar Alexander Joseph Sceberras Trigona datat 22 ta' Ottubru 2007, f'liema testment hija nnominat lill-konvenuti bħala l-eredi tagħha filwaqt li ħalliet lill-attur il-porzjon riservata skont il-liġi. L-attur preżenta din il-kawża sabiex tiġi

likwidata l-porzjon riservata spettanti lilu u l-konvenuti jiġu ordnati jħallsu s-sehem riservat hekk likwidat mill-wirt ta' ommhom.

2. F'dawn il-proċeduri huwa talab lill-Ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-esponent huwa intitolat illi jircievi mill-intimati is-sehem rizervat provenjenti mill-eredita' tad-defunta Lorenza Busuttil li giet nieqsa nhar l-1 ta' Jannar tas-sena elfejn u tmienja (01/01/2008) u konsegwentement;
>
> 2. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn id-defunti Salvatore u Lorenza konjugi Busuttil billi jigi dikjarat li jikkonsisti f'dawk il-beni mobbli u immobbli li jirrizultaw waqt il-kors tal-kawza;
>
> 3. Taqsam il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidata f'zewg porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda kull wiehed mill-assi separati tal-konjugi Busuttil;
>
> 4. Tillikwida l-assi partikolari ta' Lorenza Busuttil billi jigu dikjarati jikkonsistu f'nofs il-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata u l-gid l-iehor parafernali taghha kif rizultanti waqt il-kors tal-kawza;
>
> 5. Tillikwida s-sehem riservat spettanti lill-esponenti fuq il-wirt ta' Lorenza Busuttil;
>
> 6. Tordna lill-intimati jhallsu lill-esponent dan is-sehem rizervat hekk likwidat, flimkien mal-imghaxijiet fuq l-istess.
>
> Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ngunt in subizzjoni, inkluz l-ispejjez tal-ittra ufficjali numru 750/2017 tal-24 ta' Frar 2017".

3. Il-konvenuti ġew dikjarati kontumaċi permezz ta' deċiżjoni tal-Ewwel Qorti datata 6 ta' Novembru 2018.

4. Bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Ġenerali) tal-25 ta' Novembru 2021 ġie deċiż hekk:

"Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeciedi li r-rikorrent huwa ntitolat li jircievi mill-intimati s-sehem rizervat provenjenti mill-eredita' tad-defunta ommu Lorenza Busuttil li giet nieqsa nhar l-1 ta' Jannar tas-sena elfejn u tmienja (01/01/2008) u konsegwentement;

2. Tilqa' t-tieni talba u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn id-defunti Salvatore u Lorenza konjugi Busuttil billi jigi dikjarat li jikkonsistu f'dawk il-beni mobbli u mmobbli li gew indikati aktar 'il fuq f'din id-decizjoni taht is-sezzjoni 'Assi ereditarji tal-mejta Lorenza Busuttil:';

3. Tilqa' t-tielet talba u taqsam il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidata f'zewg porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda kull wiehed mill-assi separati tal-konjugi Busuttil bl-assi tal-mejta Lorenza Busuttil ikunu dawk indikati taht is-sezzjoni 'Assi ereditarji tal-mejta Lorenza Busuttil:';

4. Tilqa' r-raba' talba u tillikwida l-assi partikolari ta' Lorenza Busuttil billi jigu dikjarati li jikkonsistu f'nofs il-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata bl-assi tal-mejta Lorenza Busuttil ikunu dawk indikati aktar 'il fuq taht is-sezzjoni 'Assi ereditarji tal-mejta Lorenza Busuttil:';

5. Tilqa' l-hames talba u tillikwida s-sehem riservat spettanti lir-rikorrenti fuq il-wirt ta' Lorenza Busuttil fl-ammont ta' tletin elf u hmistax-il ewro u ghoxrin centezmu (€30,015.20);

6. Tilqa' s-sitt talba u tordna lill-intimati jhallsu lir-rikorrent dan is-sehem rizervat hekk likwidat fis-somma ta' tletin elf u hmistax-il ewro u ghoxrin centezmu (€30,015.20), flimkien mal-imghaxijiet fuq l-istess mid-data tal-1 ta' April, 2017 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha kif mitluba kontra l-intimati".

5. Il-konvenuti Michael Busuttil u Mary Azzopardi preżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fil-21 ta' Diċembru 2021 permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tiddikjara li m'għandux jittieħed kont fil-massa ereditarja tal-valur tas-sehem tal-omm mill-garaxx numru 2, Triq is-Sienja, Kalkara, u konsegwentement tiddikjara li l-ammont dovut lill-attur skont il-liġi in linja ta' porzjon riservata diġà ġie

adegwatament kompensat skont il-liġi u għalhekk ma kellu jkun hemm l-ebda ħlas x'jiġi ordnat li jsir lill-attur, u tħassar is-sentenza appellata fejn ordnat il-ħlas tal-imgħax inkwantu m'hemm l-ebda ħlas dovut, u tħassarha wkoll inkwantu ordnat li l-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-konvenuti u minflok tordna li l-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-attur appellat.

6. L-attur preżenta r-rikors tal-appell tiegħu fit-12 ta' Jannar 2022 permezz ta' liema ssottometta li l-appell ta' Mary Azzopardi u Michael Busuttil għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra tagħhom.

7. Il-konvenuti Alfreda Aquilina u John Busuttil preżentaw ir-risposta tal-appell tagħhom flimkien ma' appell inċidentali fl-4 ta' Frar 2022 permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tillibera lil Alfreda Aquilina mill-osservanza tal-ġudizzju, tiċħad it-talbiet kollha attriċi ħlief għall-ewwel talba, jew alternattivament tordna li l-ammont tal-porzjon riservata għandu jiġi kkalkulat u mħallas mill-eredi a bażi biss tal-assi ereditarji ta' Lorenza Busuttil u fuq l-ammonti ppruvati kif indikati fit-tieni aggravju, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur.

8. L-attur preżenta r-risposta tiegħu għall-appell inċidentali ta' Alfreda Aquilina u John Busuttil fit-22 ta' Frar 2022 permezz ta' liema, filwaqt li argumenta li huwa dubjuż kemm kien proċeduralment permissibbli li

Alfreda Aquilina u John Busuttil jintavolaw appell inċidentali ġaladarba ma rrispondewx għall-appell ta' Michael Busuttil u Mary Azzopardi, issottometta li l-appell inċidentali tal-istess Aquilina u Busuttil għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra tagħhom.

9. Mary Azzopardi ressqet ir-risposta tal-appell tagħha għall-appell inċidentali ta' Alfreda Aquilina u John Busuttil fil-15 ta' Marzu 2022 permezz ta' liema ssottomettiet li l-appell ta' Alfreda Aquilina u John Busuttil għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra tagħhom.

10. Michael Busuttil preżenta r-risposta tal-appell tiegħu għall-appell inċidentali ta' Alfreda Aquilina u John Busuttil fit-28 ta' Lulju 2022 permezz ta' liema ddikjara li qiegħed jistrieħ fuq is-sottomissjonijiet imressqa minn Mary Azzopardi fir-risposta tagħha għall-istess appell inċidentali.

**Ikkonsidrat:**

**Il-validità tal-appell inċidentali ta' Alfreda Aquilina u John Busuttil**

11. Peress illi l-attur qajjem kwistjoni dwar il-validità tal-appell inċidentali preżentat minn Alfreda Aquilina u John Busuttil il-Qorti ser tgħaddi biex l-ewwel nett tiddetermina din il-kwistjoni. L-attur jargumenta

li huwa dubjuż kemm hu validu l-appell inċidentali peress li Aquilina u Busuttil ma ressqux risposta iżda biss appell inċidentali, meta appell inċidentali jista' biss jitressaq flimkien ma' risposta.

12. Huwa minnu li l-Artikolu 144(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li hija biss il-parti li kontra tagħha jsir l-appell li għandha tippreżenta risposta għall-appell. Però, l-Artikolu 240 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi espressament li "Dak l-appell inċidentali jista' jsir ukoll...minn kull parti li ma tkunx waħda li kontra tagħha jkun sar l-appell skont l-Artikolu 144(1)." Għalhekk huwa ċar li skont il-liġi Aquilina u Busuttil kellhom id-dritt li jintavolaw appell inċidentali, irrispettivament mill-fatt li l-appell ma sarx kontra tagħhom u għalhekk mhumiex tenuti li jippreżentaw risposta għall-appell prinċipali.

13. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni preliminari qed tiġi miċħuda.

**Leġittimu kontradittur**

14. Fl-appell inċidentali tagħhom Alfreda Aquilina u John Busuttil ressqu aggravju fis-sens li Alfreda Aquilina mhijiex leġittima kontradittriċi f'dawn il-proċeduri u għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju peress li hija kienet irrinunzjat għall-wirt ta' ommha u saħansitra għamlet kawża sabiex tingħata s-sehem riservat tagħha. Jilmentaw li mis-

sentenza appellata jidher li minħabba ineffiċjenza tar-reġistru tal-Qorti jew minħabba żvista n-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom qatt ma ttieħdet inkonsiderazzjoni minkejja li ġiet preżentata *entro termine*. Jgħidu li r-rinunzja tal-wirt min-naħa ta' Alfreda Aquilina saret qabel ma ġiet intavolata din il-kawża u għalhekk l-attur kien jaf biha, tant li l-ittra uffiċjali tal-24 ta' Frar 2017 lanqas biss ma ntbagħtet lilha.

15. L-attur ma jikkontestax li Alfreda Aquilina irrinunzjat għall-wirt ta' ommhom u jaqbel li għandha titqies li mhijiex il-leġittimu kontradittur f'din l-azzjoni. L-attur però jipprotesta ruħu kontra l-ispejjeż marbuta ma' dan l-aggravju, u jargumenta li m'għandux jaħti hu għaliex Aquilina għażlet li tibqa' passiva u taqa' fi stat ta' kontumaċja.

16. Mary Azzopardi targumenta li m'hemmx prova in atti tar-rinunzja ta' Alfreda Aquilina u l-validità tagħha u *quod non est in acti non est in mundo*. Targumenta li l-provi mill-kawża li qed jimxu flimkien li kellhom jitqiesu bħala provi wkoll f'din il-kawża kienu biss dawk li jirrigwardaw l-assi ereditarji ta' Lorenza Busuttil u l-valutazzjoni tagħhom, filwaqt li l-kawża dwar is-sehem riservat ta' Aquilina għadha ma ġietx deċiża u għalhekk ma jistax jitqies bħala fatt stabbilit ġudizzjarjament li Aquilina mhijiex eredi ta' Lorenza Busuttil b'konsegwenza tar-rinunzja formali tagħha.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

17. Il-Qorti tibda billi tosserva li l-argument ta' Mary Azzopardi dwar in-nuqqas ta' prova li Alfreda Aquilina rrinunzjat għall-wirt huwa manifestament infondat. Ir-rinunzja ta' Alfreda Aquilina tirriżulta minn att ġudizzjarju, u ċioè mid-digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) bin-numru 196/2017 u għalhekk m'hemm l-ebda ħtieġa li dan id-digriet jiġi preżentat in atti sabiex jittieħed kont tiegħu mill-Qorti. Huwa wkoll infondat l-argument ta' Azzopardi li sakemm tiġi deċiża l-kawża intavolata minn Aquilina għas-sehem riservat tagħha għadu mhux deċiż jekk ir-rinunzja tagħha hijiex valida u allura jekk hijiex jew le eredi ta' ommhom. Dik il-kawża tirrigwarda biss is-sehem riservat pretiż minn Aquilina u mhijiex ser tiddetermina jekk ir-rinunzja ta' Aquilina hijiex valida jew le, partikolarment peress li ħadd mill-konvenuti f'dik il-kawża, inkluż Azzopardi stess, ma kkontesta l-validità tar-rinunzja ta' Alfreda Aquilina.

18. Peress li jirriżulta li Alfreda Aquilina irrinunzjat għall-wirt ta' ommhom fl-2017 il-Qorti tqis li dan l-aggravju għandu jiġi milqugħ u Alfreda Aquilina għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju stante li mhijiex eredi ta' Lorenza Busuttil.

19. Dwar l-ispejjeż il-Qorti tosserva li ma jirriżultax li l-attur kien ġie notifikat bl-atti intavolati minn Alfreda Aquilina permezz ta' liema

irrinunzjat għall-wirt ta' ommhom u sussegwentement talbet il-porzjon riservat spettanti lilha. Il-Qorti tosserva inoltre li Alfreda Aquilina mhux biss ma preżentatx nota sabiex tgħarraf lill-Ewwel Qorti li hija kienet formalment irrinunzjat għall-wirt ta' Lorenza Busuttil izda lanqas ma mqar informat lill-Qorti b'dan verbalment waqt l-udjenzi li kienu qed isiru, u dan minkejja li kienet debitament assistita minn avukat tul il-proċeduri li saru quddiem l-Ewwel Qorti. Kieku sar dan hija setgħet tiġi estromessa mill-atti u ma kienet tingħata l-ebda sentenza fil-konfront tagħha. Għalhekk il-Qorti tqis li l-ispejjeż tal-prim' istanza ta' Alfreda Aquilina għandha tbatihom hi.

**L-Appell Prinċipali**

20. L-appellanti Michael Busuttil u Mary Azzopardi jargumentaw li jirriżulta mill-atti li sehem Lorenza Busuttil mill-*garage* numru 2, Triq is-Sienja, Kalkara ġie mħolli b'titolu ta' *legato di cosa altrui* lill-attur fit-testment ta' missieru. Jgħidu li għalhekk dan is-sehem m'għadux jifforma parti mill-massa ereditarja tal-omm u għalhekk l-Ewwel Qorti ma kellhiex tinkludi dan in-nofs indiviż għall-finijiet tal-kalkolu tal-leġittima. Jargumentaw li għalkemm huwa minnu li fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni dan is-sehem kien jifforma parti mill-massa ereditarja ta' Lorenza Busuttil mhux l-istess jista' jingħad għaż-żmien meta saret il-likwidazzjoni tal-assi tagħha mill-Ewwel Qorti sabiex jiġi kkalkolat il-valur

tas-sehem riservat. Jgħidu li ladarba din il-likwidazzjoni saret wara li sar effettwabbli l-legat imħolli minn Salvatore Busuttil favur l-attur ma jistax ikun korrett li sehem ommhom minn l-imsemmija fond jittieħed inkonsiderazzjoni għaliex għalkemm huwa minnu li l-legat magħmul minn missierhom huwa marbut mas-suċċessjoni tiegħu xorta waħda dak il-legat iddevolva gratwitament a favur tal-appellat minn dawn li kienu l-assi tal-omm. Skont l-appellanti għalhekk ma kellu jkun hemm l-ebda ħlas x'jiġi ordnat lill-appellat għaliex huwa diġà ġie korrettement u adegwatament kompensat skont il-liġi kkonsidrat il-valur ta' dan il-garaxx. L-appellanti jargumentaw li jekk dan is-sehem jittieħed inkonsiderazzjonijiet għal finijiet tal-kalkolazzjoni tas-sehem riservat ser ikun hemm arrikkiment indebitu favur l-attur a detriment tagħhom li ser ikollhom iħallsu għalih huma peress li l-attur ser ikun qiegħed jirċievi s-sehem sħiħ tal-omm permezz tat-testment ta' missierhom u l-valur tal-istess sehem fi flus kontanti. Jargumentaw li fi kwalunke każ, jekk dan l-aggravju tagħhom ma jiġix milqugħ, iċ-ċirkostanzi tal-każ ma jiġġustifikawx li jitħallas xi imgħax.

21. L-attur iwieġeb li ġaladarba ma tressqitx ġustifikazzjoni għall-kontumaċja tal-appellanti allura ma jistgħux jagħmlu sottomissjonijiet fil-mertu dwar l-aggravju tagħhom. Dwar il-mertu jsostni li l-argument tal-appellanti huwa infondat għaliex skont il-liġi l-jedd għas-sehem riservat jitwieled mal-mewt tat-testatur jew testatriċi. Jargumenta li f'dan il-każ

omm il-partijiet mietet fl-1 ta' Jannar 2008 filwaqt li missierhom miet fil-21 ta' Diċembru 2017, u għalhekk x'seta għamel missierhom diversi snin wara l-mewt t'ommhom huwa irrelevanti u ma jnaqqasx mill-fatt li l-*punctum temporis* għall-fini tal-jedd tas-sehem riservat kien fuq il-beni u l-assi kollha ta' ommhom fl-1 ta' Jannar 2008. Jgħid li l-unika tnaqqis li jista' jsir għall-finijiet tal-kalkolu tas-sehem riservat huwa dak skont kif dispost fil-liġi u l-liġi ma tipprovdix għall-possibbilità li jsir tnaqqis ibbażat fuq it-testment ta' terza persuna li ġiet nieqsa diversi snin wara. Iżid li, inoltre sal-lum il-ġurnata l-eredi ta' missier il-partijiet għadhom ma imittewhx fil-pussess tan-nofs indiviż tal-istess garaxx u għalhekk huwa għad m'għandux il-pussess formali tiegħu, oltre li l-wirt ta' Salvatore Busuttil għadu lanqas biss ġie denunzjat. L-appellat jargumenta li fi kwalunke każ anke jekk kellu jiġi eliminat dan il-fond mill-massa ereditarja ta' ommhom dan ma jkunx ifisser li m'hemm l-ebda ammont x'jitħallas lilu bħala sehem riservat, peress li jkun ifisser biss li l-valur globali tal-assi ta' Lorenza Busuttil ikun jammonta għal €150,975.43 minflok €180,100.43 biex b'hekk is-sehem riservat tiegħu jkun ta' €25,162.58.

22. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Assi ereditarji tal-mejta Lorenza Busuttil:
>
> Illi jirrizulta lil din il-Qorti li l-assi ereditarji ta' Lorenza Busuttil mad-data tal-mewt taghha kienu jikkonsistu fis-segwenti:
>
> (i) Immobbli li jirrizultaw mid-dikjarazzjoni causa mortis datata 27 ta' Gunju, 2008 fl-atti tan-Nutar Alexander Joseph Sceberras Trigona u

mill-korrezzjoni tad-dikjarazzjoni causa mortis tal-5 ta' Marzu, 2020 fl-atti tan-Nutar Alexia Sciberras Trigona:

1. Nofs indiviz tal-fond bin-numru 36 f'Marina Street, Kalkara li dan is-sehem gie stmat ghas-somma ta' €100,000;

2. Nofs indiviz tal-fond bin-numru 40, Salvlor House, fi Triq is-Sienja, Kalkara li dan is-sehem gie stmat ghas-somma ta' €77,500.00;

3. Nofs indiviz tal-fond ossia garage bin-numru 1 fi Triq is-Sienja, Kalkara li dan is-sehem gie stmat ghas-somma ta' €30,000;

4. Nofs indiviz tal-fond ossia garage bin-numru 2 fi Triq is-Sienja, Kalkara li dan is-sehem gie stmat ghas-somma ta' €58,250;

5. Nofs indiviz tal-fond ossia garaxx bin-numru 42 fi Triq is-Sienja, Kalkara li dan is-sehem gie stmat ghas-somma ta' €55,000.

Il-Qorti rat li fil-verbal tal-10 ta' Mejju, 2019, kif ukoll fl-affidavit tar-rikorrent Francis Busuttil, gie dikjarat li r-rikorrent jaqbel mal-istejjem tal-Perit Lino Cachia fir-rapport tieghu li jinsab a fol. 42 sa fol. 51 fl-atti tal-kawza bir-rikors guramentat numru: 1041/17 liema stejjem saru ghan-nom tal-intimati kontumaci fir-rikors odjern. Il-Qorti rat ukoll li ghalkemm l-intimati kellhom l-opportunita' li jintavolaw nota ta' sottomissjonijiet fil-proceduri odjerni dawn naqsu li jaghmlu dan u ghalhekk l-Qorti tqis li ghandha toqghod fuq il-valuri kif indikati fir-rapport tal-Perit Lino Cachia. Ghaldaqstant il-valur totali li fuqu ser tigi kkalkolata l-porzjon riservat fuq l-immobbli huwa dak ta tlett mija u ghoxrin elf, seba' mija u hamsin Euro (€320,750)".

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

23. L-appell tal-konvenuti Michael Busuttil u Mary Azzopardi jittratta n-nofs indiviż li kien appartenenti lil omm il-partijiet ta' garaxx li jinsab fil-Kalkara li skont l-appellanti ma kellux jittieħed inkonsiderazzjoni fil-kalkolu tal-valur tal-porzjon riservata spettanti lill-attur, peress li l-istess sehem indiviż tħalla lill-attur b'titolu ta' *legato di cosa altrui* minn missierhom fit-testment tiegħu. Il-Qorti tibda billi tirrileva li l-argument tal-attur li l-

appellanti m'għandhomx dritt iressqu dan l-aggravju peress li baqgħu ma ġġustifikawx il-kontumaċja tagħhom huwa infondat. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **London Services Limited v. Regina Bianca Limited** (Appell, 31/07/2003) fejn fir-rigward tal-istess argument magħmul mill-appellat intqal hekk:

> "...darba li stat ta' kontumacja mhux biss ma jammontax ghal xi ammissjoni imma ghandu jitqies bhala kontestazzjoni u billi wkoll parti in kontumacja ghandha dritt li tappella, allura dan ifisser li – fil-limitazzjonijiet inflitti fuqha nfisha bin-nuqqasijiet taghha – dik il-parti appellanti, ankorke` kontumaci, ghandha d-dritt li tappella fil-meritu."

24. Dwar il-mertu tal-appell prinċipali l-Qorti tirrileva li huwa korrett l-appellat meta jargumenta li skont il-liġi u l-ġurisprudenza l-jedd għas-sehem riservat tiegħu twieled mal-mewt ta' Lorenza Busuttil, u li għalhekk il-valur tas-sehem riservat tiegħu għandu jiġi kkalkulat b'referenza għaż-żmien meta ġiet nieqsa l-istess Lorenza Busuttil, u ċioè l-1 ta' Jannar 2008. Il-Qorti għalhekk ma taqbilx mal-appellanti li l-fond inkwistjoni ma kellux jittieħed inkonsiderazzjoni in vista tal-legat imħolli minn missierhom, ġaladarba missier il-partijiet miet wara ommhom u għalhekk il-legat imħolli minnu ma jista' jkollu l-ebda effett fuq il-massa ereditarja ta' Lorenza Busuttil għall-finijiet tal-kalkolu li jrid isir f'din il-kawża.

25. Il-Qorti tkompli billi tosserva li l-unika tnaqqis mill-massa ereditarja li huwa permess li jsir għall-finijiet tal-kalkolu tas-sehem riservat tal-attur huwa dak kontemplat espressament fil-liġi. Skont l-Artikolu 620 tal-Kodiċi Ċivili dan it-tnaqqis għandu jkun limitat għad-djun tal-assi u l-ispejjeż tal-

funeral, dak li l-attur ħa mingħand it-testatriċi li huwa suġġett għall-kollazzjoni, u s-sehem ta' kull ben imħolli lill-attur b'testment magħmul minn ommu. Il-Qorti tkompli billi tosserva li skont dak dispost mill-Artikolu 702 tal-Kodiċi Ċivili, anke kieku omm il-partijiet kienet ħalliet lill-attur is-sehem indiviż tal-fond innifsu u għalhekk dan is-sehem kien diġà proprjetà tiegħu meta miet missier il-partijiet, l-attur xorta waħda kien ikollu dritt li jitħallas mill-eredi ta' missier il-partijiet il-valur ta' dak is-sehem kemm-il darba l-*legato di cosa altrui* fit-testment tal-missier ikun sar validament. Għalhekk huwa ċar li dan mhuwiex każ ta' arrikkiment indebitu kif qed jikkontendu l-appellanti peress li l-liġi stess tikkontempla l-possibbilità li l-legatarju jitħallas mill-werrieta l-valur tal-ħaġa mħollija lilu b'legat meta dik l-istess ħaġa tkun diġà tiegħu, *multo magis* f'dan il-każ fejn dak illi ser ikun qed jirċievi l-attur b'din il-kawża huwa biss $^{1}/_{12}$ tal-valur tal-istess immobbli. L-atturi donnhom jinsew li l-wirt tal-missier huwa separat u indipendenti mill-wirt tal-omm.

26. Lanqas ma' taqbel din il-Qorti li għandu jiġi ordnat li ma jiddekorri l-ebda imgħax skont dak dispost fil-proviso tal-Artikolu 615 (2) tal-Kodiċi Ċivili. Il-wirt ta' omm il-partijiet huwa separat minn dak tal-missier u għalhekk il-legat li tħalla lill-attur minn missier il-partijiet huwa rrelevanti għall-finijiet tal-kwistjoni tas-sehem riservat tiegħu mill-wirt tal-omm.

27. Għaldaqstant l-appell prinċipali qiegħed jiġi miċħud.

**L-Appell Inċidentali**

28. Fl-appell inċidentali intavolat minnu, John Busuttil ilmenta li l-Ewwel Qorti kkalkulat il-porzjon riservata fuq ammonti li jinkludu assi tar-raġel tat-testatriċi li ma kellhomx jittieħdu inkonsiderazzjoni u ta' ammonti li ma ġewx ippruvati. Dan l-aggravju huwa limitat għal xi kontijiet bankarji ta' Salvatore Busuttil u b'mod partikolari:

i. Il-kont BOV numru 16501770014: skont l-appellant l-ammont korrett li kellu jittieħed inkonsiderazzjoni huwa ta' €1,562.22 għaliex dan kien l-ammont depożitat sal-1 ta' Jannar 2008;

ii. Il-kont BOV numru 40015578053: skont l-appellant l-ammont ta' €6,000 huwa l-bilanċ sas-26 ta' Ottubru 2008 u ma nġabet l-ebda prova li turi li dan l-ammont kien għadu hemm fl-1 ta' Jannar 2008;

iii. Il-kont HSBC numru 040005159101: skont l-appellant ir-rendikont a *fol.* 125 jindika li dan il-*fixed term deposit* kellu jimmatura fit-3 ta' Jannar 2007 u ma tressqet l-ebda prova li turi li Lorenza Busuttil kellha xi sehem fl-1 ta' Jannar 2008;

iv. Il-kont HSBC numru 040005159100: skont l-appellant ir-rendikont a *fol.* 127 jindika li dan il-*fixed term deposit* kellu jimmatura fl-20 ta' Novembru 2007 u ma tressqet l-ebda prova li turi li Lorenza Busuttil kellha xi sehem fl-1 ta' Jannar 2008;

v. Il-kont HSBC numru 407009463: skont l-appellant dan il-kont kellu jimmatura fil-25 ta' Jannar 2002 u l-ebda prova ma ġiet preżentata li turi li Lorenza Busuttil kellha xi sehem fl-1 ta' Jannar 2008.

L-appellant isostni li in vista ta' dan is-sehem ta' Lorenza Busuttil huwa ta' €26,427.95.

29. L-attur appellat iwieġeb li hemm preżunzjoni legali li Lorenza Busuttil kellha nofs il-kontijiet u l-investimenti li rriżultaw, anke jekk dawn kienu intestati biss f'isem żewġha u l-konvenuti ma ressqu l-ebda prova kontrarja peress li baqgħu kontumaċi.

30. Mary Azzopardi twieġeb illi hija taqbel ma' dan l-argument magħmul minn John Busuttil.

31. L-Ewwel Qorti ħadet inkonsiderazzjoni s-segwenti kontijiet bankarji ta' Salvatore Busuttil fil-kalkolu tagħha:

> "Kontijiet bankarji f'isem Salvatore Busuttil:
>
> 8. Savings account bin-numru 16501770014 fl-ammont ta' €1,779.43 (ara statement a fol. 61 et seq tal-process);
>
> 9. Savings account bin-numru 16501770069 fl-ammont ta' £1,352.72 (ara statement a fol. 68 et seq tal-process). Il-Qorti ghamlet konverzjoni tal-ammont misjub f'dan il-kont minn Sterlini ghal Euro fejn jirrizulta li l-ammont jekwivali ghal dak ta' €1,598. Fin-nota ta' sottomissjonijiet ma jirrizultax li r-rikorrent Francis Buttigieg qaghad jaghmel konverzjoni tal-flus u ghalhekk il-Qorti ser tiehu l-ammont ta' £1,352.72 bhala dak ta' €1,352.72 u dan sabiex jigu evitati problemi ta' konverzjoni, aktar u aktar ikkunsidrat li m'hemmx wisq differenza fl-ammont;
>
> 10. Call account bin-numru 40015535407 fl-ammont ta' €373.41 (ara statement a fol. 77 et seq tal-process);
>
> 11. Term deposit account bin-numru 40015535423 fl-ammont ta' €6,988.12 (ara statement a fol. 83 et seq tal-process);
>
> 12. Multi asset class deposit bin-numru 40015578053 fl-ammont ta' €6,000 (ara statement a fol. 86 et seq tal-process);
>
> 13. Term deposit account bin-numru 40015804497 fl-ammont ta' €3,494.06 (ara statement a fol. 88 et seq tal-process);
>
> 14. Savings account bin-numru 040005159050 fl-ammont ta' €1,663.34 (ara statement a fol. 90 et seq tal-process);
>
> 15. Term deposit account bin-numru 040005159102 fl-ammont ta' €3494.06 (ara statement a fol. 100 et seq tal-process);
>
> 16. Term deposit account bin-numru 040005159101 fl-ammont ta' €6041.81 (ara statement a fol. 113 et seq tal-process);
>
> 17. Term deposit account bin-numru 040005159100 fl-ammont ta' €9317.49 (ara statement a fol. 126 et seq tal-process);
>
> 18. Term deposit account bin-numru 040005159103 fl-ammont ta' €4,658.75 (ara statement a fol. 138 et seq tal-process);"

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

32. Wara li rat l-atti tal-kawża u s-sentenza appellata, din il-Qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

i. Dwar il-kont BOV numru 16501770014: Il-Qorti taqbel mal-appellant li l-ammont li kellu jittieħed inkonsiderazzjoni mill-Ewwel Qorti huwa ta' €1,562.22 u mhux €1,779.43 (ara *fol.* 64).

ii. Dwar il-kont BOV numru 40015578053: Mir-rendikont esebit jirriżulta li dan il-kont kellu jimmatura fis-26 ta' Ottubru 2012 (ara *fol.* 86-87). Għalhekk fin-nuqqas ta' prova li l-kont ingħalaq qabel ma immatura, din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ħadet dan il-kont inkonsiderazzjoni.

iii. Dwar il-kont HSBC numru 040005159101: Ir-rendikont a *fol.* 125 jgħid li "*We confirm having renewed your above mentioned fixed deposit account*" u li għalhekk dan il-kont kellu jimmatura fit-3 ta' Jannar 2008 u mhux fit-3 ta' Jannar 2007. Għalhekk fin-nuqqas ta' prova li l-kont ingħalaq qabel ma mmatura, din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ħadet dan il-kont inkonsiderazzjoni.

iv. Dwar il-kont HSBC numru 040005159100: Ir-rendikont a *fol.* 127 jgħid li "*We confirm having renewed your above mentioned fixed deposit account"* u li għalhekk dan il-kont kellu jimmatura fit-2 ta' Novembru 2008 u mhux fl-20 ta' Novembru 2007. Għalhekk fin-nuqqas ta' prova li l-kont ingħalaq qabel ma mmatura, din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ħadet dan il-kont inkonsiderazzjoni.

v. Dwar il-kont HSBC numru 407009463: Huwa ċar li l-Ewwel Qorti ma ħaditx inkonsiderazzjoni dan il-kont u għalhekk m'hemm xejn li jeħtieġ li jiġi mibdul f'dan ir-rigward.

33. Għalhekk, u in vista ta' dak appena kkonsidrat, it-total ta' €78,864.74 li waslet għalih l-Ewwel Qorti kellu fil-verità jkun ta' €78,647.53, u għalhekk sehem Lorenza Busuttil minn din is-somma huwa ta' €39,323.77. Magħdud ma' dan l-ammont is-somma ta' €320,750 rappreżentanti l-valur tal-immobbli, it-total li fuqu nħadmet is-somma dovuta lill-attur kellha tkun ta' €360,073.77, biex b'hekk sehem l-attur jammonta għal €30,006.15. Dan ifisser għalhekk li d-differenza bejn is-somma likwidata mill-Qorti fl-ammont ta' €30,015.20 u dik konstatata minn din il-Qorti hija verament minima, tant li hija anqas minn €10. Dan seħħ għaliex filwaqt li l-appellant ilmenta dwar il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward ta' ħames kontijiet bankarji, kellu raġun fir-rigward ta' wieħed minnhom biss fejn id-diskrepanza bejn l-ammont li ħadet

inkonsiderazzjoni l-Ewwel Qorti u l-ammont li attwalment kellu jittieħed inkonsiderazzjoni kien verament baxx. Għalhekk, ikkonsidrat id-differenza insinjifikanti u irriżorja li rriżultat, il-Qorti tqis li dan l-appell inċidentali ma jistgħax jiġi milqugħ u dan in vista tal-prinċipju *de minimis non curat praetor.*

34. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

i. Tiċħad l-appell prinċipali ta' Michael Busuttil u Mary Azzopardi, bl-ispejjeż kontra l-istess Michael Busuttil u Mary Azzopardi

ii. Tilqa' l-ewwel aggravju tal-appell inċidentali, tiddikjara li Alfreda Aquilina mhijiex leġittima kontradittriċi f'dawn il-proċeduri u konsegwentement tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-aħħar aggravju stante li l-mertu tiegħu jinsab eżawrit bil-liberazzjoni ta' Aquilina mill-osservanza tal-ġudizzju, u tiċħad il-bqija tal-appell inċidentali, bl-ispejjeż kollha tal-appell inċidentali jitħallsu minn Alfreda Aquilina u John Busuttil.

Fir-rigward tal-ispejjeż tal-prim' istanza ta' Alfreda Aquilina għandhom jitħallsu unikament minnha, filwaqt li l-bqija tal-ispejjeż tal-prim' istanza għandhom jibqgħu kif deċiżi mill-Ewwel Qorti;

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm